Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 25/2019

Il-Pulizija
(Spettur Colin Sheldon)

Vs

Alexander Joseph Micallef

Illum 16 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alexander Joseph Micallef detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 144287M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi (2) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Marzu, 2015 u fil-31 ta' Dicembru 2015 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76 (c) u 76 (d) tal-Att XXIII tal-1998.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija:

1. Tinfliggi l-piena skont il-ligi; jew
2. Minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, fuq talba tal-Prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jaccedi tliet xhur, taht multa ta' €5 ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Jannar 2019, fejn il-Qorti fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal multa ta' €900 pagabbli fi tliet snin.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alexander Joseph Micallef, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Frar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull akkuza u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alexander Joseph Micallef huwa s-segwenti u cioè:-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi l-appellanti hija persuna diligenti u li dejjem hadet hsieb l-aspetti fiskali tal-business taghha u minkejja li gieli kien hemm drabi fejn minhabba ragunijiet li jmorru lil hinn mill-kontroll tieghu;

Illi l-appellanti, ghalkemm huwa minnu li ma dahhalx id-denunzju ghas-sena 2015 ezatt mad-data tal-eghluq, huwa dahhalhom ftit tax-xhur wara bil-pagamenti kollha relattivi;

Illi fil-fatt, huwa spjega lill-ewwel Qorti dan kollu izda stranament, il-Kummissarju ghat-Taxxi ma kienx f'pozizzjoni li jikkonferma dan l-istat ta' fatt quddiem l-ewwel Qorti, biex b'hekk il-Qorti emmnet il-verzjoni moghtija mill-Kummissarju ghat-Taxxi u sabet lill-istess appellant hati;

Illi bid-dovut rispett, l-appellant m'ghandux ghalfejn ibati l-konsegwenzi ta' tali nuqqas daparti tal-Kummissarju ghat-Taxxi u ghandu jigi liberat minn kull htija u piena.

Rat ukoll dak li gie verbalizzat mid-difiza fis-seduta tal-25 ta' April, 2019 fejn inghad li:-

*" b'zieda mal-aggravji migjuba minnu fir-rikors tal-appell tieghu, jattira l-attensjoni tal-Qorti li s-entenza moghtija mill-ewwel Qorti hija null aperess li ma gewx segwiti r-rekwiziti tal-artikolu 382 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta ".*

Il-Qorti semghet lid-difiza tispjega fit-trattazzjoni taghha li s-sentenza hija nulla u dan ghaliex fil-parti dispositiva taghha ma hemm l-ebda referenza ghall-artikoli tal-ligi tar-reati fejn sabet lill-appellant hati. Din il-Qorti ex ufficci tirrileva ukoll li lanqas ma hemm dikjarzzjoni ta htija fis-sentenza qabel ma l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant multa.

Senghet lill-Avukat Generali jirrimetti ruhu ghad-decisjoni tal-Qorti dwar dan il-punt sollevat seduta stante nhar il-25 ta' April 2019.

Ikkunsidrat.

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hu artikolu importanti hafna peress li jinkopora fih ir-rekwiziti necessarji li ghandha jkollha sentenza tal-Qorti tal- Magistrati. In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li ghandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jghid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 ghandu jkun presenti f'dan l-artikolu ukoll. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi *sine qua non* ghall-validita ta' sentenza.

L-**artikolu 382 tal-Kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu jiddisponi s-segwenti:-

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Ghalhekk skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati;

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal kodici jew kull rat iehor li johloq ir-reat .

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita' f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuq imfissra imwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala risultat ta' difett fil-formalita'. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti m'humiex semplci formalita izda rekwiziti necessarji ghall-validita tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**[1] il-Qorti irriteniet li:-

"*Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'*".

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[2], gie ritenutli:-

"*in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali*".

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom,

---

[1] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340

[2] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995.

jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat,ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** il-Qorti irriteniet li:

*"In-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali sollevabbli mill-Qorti "ex officio" anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullita' tas-sentenza".*

Oltre dan fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Cutajar**[3],, inghad b'mod car u univoku li:-

*Illi l-artikolu hawn fuq imsemmi [referring to Article 382 of the Criminal Code] jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma. Dan mhux kaz ta' 'lapsus calami' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija.*

Tant iggib in-nullita in-nuqqas ta' citar tal-artikolli fis-sentenza li anke meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, dan il-fatt igib in-nullita' tas-sentenza appellata. (ara. Appell Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[4]" "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**.[5]" u ohrajn.) Ovvjament l-istess japplika meta jigi citat artikolu inezistenti ghax ikun gie abrogat.

Anke jekk f'kaz li jissemmew artikoli zbaljati dan igib in-nulita kif misqarr fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Sultana** [6]fejn gie ritenut li:

---

[3] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-17 ta' Gunju 2014.
[4] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-28 ta' Mejju 1987.
[5] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fid-19 ta' Mejju 2005
[6] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-2 ta MArzu 2001.

*"S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla rreat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal-Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali".*

Dwar il-kwistjoni sollevata ex ufficcio ill-Qorti aktar 'l fuq, li fis-sentenza ma hemmx dikjarazzjoni ta' htija din il-Qorti tiddikjara in-nullita tas-sentenza ai ternini ta' l-istess artikolu 382 tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'**[7] fejn inghad li:

*"………Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.*

*Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi'*

Illi fil-kaz in desamina jidher bic-car li fil-parti dispozittiva taghha la hemm dikjarazzjoni ta' htija u lanqas hemm referenza ghall-artikoli tal-ligi dwar ir-reati li qed issibu hati taghhom hemm biss kundanna ghal multa ta disgha mitt euro (€900) u ghalhekk dawn iz-zewg rekwiziti rikejsti sine qua non skond l-artkolu 382 u cioe' id-dikjarazzjoni ta' htija u li l-artikoli tal-ligi li a bazi taghhom instabet il htija huma nieqsa ma jhallu l-ebda triq ohra f'idejn din il-Qorti kif preseduta li tannulla is-sentnza moghtija mill-ewwel Qorti.

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru. 171/2011)

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' aggravju sollevat mill-appellant seduta statne nhar il-25 ta' April 2019 u thalli impregudikat l-aggravi l-ohra u in oltre tiddikjara ex ufficcio li minhabba in-nuqqas ta dikjarazzjoni ta' htija mill-Qorti l-ewwel sentenza hija nulla, u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu minn din l-Onorabbli Qorti wara li qed tpoggi lill-appellant in status quo ante qabel ma inghatat l-ewwel sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur